# Lectio Divina
## Magħmudija tal-Mulej
## Sena Ċ

### Lq 3:15-16.21-22

**F'dak iż-żmien**

Din is-silta hija magħmula minn erba' versi: l-ewwel tnejn isegwu l-eżortazzjonijiet li Ġwanni l-Battista jagħmel lin-nies li kienu jmorru bi ħġarhom għandu sabiex jirċievu l-magħmudija ta' ndiema (cfr Lq 3:7-14); filwaqt li jinqabeż il-kliem tal-Battista dwar il-midra li l-Mistenni għandu f'idu biex iderri l-qiegħa u jaħraq it-tiben b'nar li ma jintefiex u [l-kliem] dak marbut mad-dnub ta' Erodi ma' Erodja (vv. 17-20); biex naslu għaż-żewġ versi l-oħra tas-silta li jitkellmu mhux tant fuq il-magħmudija ta' Ġesù imma fuq dak li jiġri dritt wara li Ġesù jitgħammed minn Ġwanni. Fil-Liturġija tagħha l-Knisja tipproponi l-Magħmudija tal-Mulej bħala tkompli tal-manifestazzjoni (tal-*epifanija*) tiegħu bħala Dak li jqaddes l-ilma tal-Ġordan u ta' kull battisteru sabiex il-bniedem jogħdos fil-ħajja ta' Alla li huwa Trinità: "veru li ġie mgħammed bħala bniedem: imma ħa fuqu d-dnubiet bħala Alla; mhux għax kellu bżonn tat-tisfija, imma sabiex mill-ilmijiet stess jiksbilna l-qdusija" (S. Girgor Nazjanzenu, *Orazioni* 29,19-20).

**il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan,**

Bil-predikazzjoni qawwija tiegħu, il-Battista jnissel xewqa qawwija għall-Messija u jikber l-interess sabiex issir magħrufa l-identità tiegħu. Hu jirnexxielu jbiddel «in-nies» (*Lq* 3:7) li kienu marru lejn il-Ġordan b'diversi intenzjonijiet f'«poplu» ħerqan għall-miġja tal-Messija li juri f'qalbu frott li jixraq lill-indiema (cfr *Lq* 3:8). Huwa «poplu» li għax imkebbes mill-

imħabba ta' dak Alla li jikser is-silenzju mill-profezija li kien waqa' fuq Iżrael, jingħaqad fl-istennija tat-temma tal-wegħdiet Tiegħu (cfr *Hos* 2:23-25). Ġwanni huwa l-evanġelizzatur li jdawwar il-qalb tal-bniedem lejn il-Mulej.

**u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija.**

L-istennija ħerqana titlob l-eżerċizzju tal-virtù tal-paċenzja sabiex wieħed ma jgħaġġilx għall-konklużjonijiet – ir-riskju li tħallat il-*leħen* mal-*Kelma*, ix-*xhud tad-Dawl* mad-*Dawl* (cfr *Ġw* 1:8), il-*ħabib tal-Għarus* mal-Għarus (cfr *Ġw* 3:29) – u jiddixxerni fid-dawl tal-Verità l-aspettativi li għandu dwar il-Messija – ir-riskju li ma tagħrfux minkejja li jkun quddiemek: «Il-Lhud daru miegħu u qalulu: "Kemm se ddum taqlgħalna ruħna? Jekk inti l-Messija għidilna ċar u tond." Weġibhom Ġesù: "Għedtilkom u intom ma temmnux."» (*Ġw* 10:24-25)

**Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: "Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq tiegħu.**

L-umiltà tal-Għammiedi twassal biex il-poplu ma jitlifx l-orjentament tiegħu għall-Messija awtentiku. Il-Battista jirreferi għal dak li għandu qawwa għal kollox superjuri – huwa dak il-«wieħed» imbierek li ġej f'isem il-Mulej (cfr *S* 118:26), huwa s-sultan ġust u rebbieħ li jferraħ lil bint Sijon bil-miġja tiegħu (cfr *Żak* 9:9); huwa l-«qawwi», il-«Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem» (*Is* 9:5), il-Mulej li «tħażżem bil-qawwa, iżomm sħiħa d-dinja; qatt ma titħarrek» (*S* 93:1). Fl-isfond tal-liġi tal-levirjat (cfr *Rt* 4:7) nifhmu l-espressjoni dwar il-qfieli tal-qorq bħala mod kif il-Battista jfisser li l-Għarus fit-tieġ tal-imħabba mġedda bejn Alla u l-bniedem huwa Kristu u mhux hu: «Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla.» (*2Kor* 5:18). Il-Prekursur huwa mudell tal-qaddej li jħaddem l-awtorità tiegħu għas-servizz tal-bxara t-tajba. Huwa l-bniedem li jgħix il-ministeru profetiku b'fedeltà 'l bogħod minn kull tip ta' mondanità, ta' dik l-attitudni ta' min għalkemm jgħid li jiddisprezza d-dinja u l-ġibdiet tagħha, fil-fatt ifittex il-glorja tal-bnedmin u mhux dik ta' Alla (cfr *Evangelii gaudium* 97).

**Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.**

In-*nar* li fih jgħammed il-Messija mhuwiex tant wieħed li jeqred – kif seta' ħaseb il-Battista (cfr *Lq* 3:9.17; 7:18-23) – imma li jsaffi u jkebbes bil-Qawwa ta' Alla kif iseħħ nhar Għid il-Ħamsin (cfr *Atti* 2:3-4; 11:16). Huwa permezz ta' Ibnu li l-Mulej kebbes fil-bnedmin in-nar iħeġġeġ tad-dija tiegħu (cfr *Talba tberik tan-nar*, Vġili tal-Għid). Id-dixxiplu jrid joqgħod attent biex ma jkollux tant il-ħeġġa li jitfa nar qerriedi fuq l-oħrajn li ma jemmnux (cfr *Lq* 9:54), imma pjuttost li jfittex ħerqan li dejjem aktar jintefa'/jogħdos f'dak in-nar li jagħmlu mħeġġeġ għall-Mulej: "Tħalli n-nar tiegħu jkebbes il-qalb tiegħek? Jekk ma tħallihx ikebbes fik il-ġamar sħun tal-imħabba u tal-ħlewwa, ma jkollokx nar, u hekk kif ħa tkun tista' tqabbad il-qalb tal-oħrajn bix-xhieda tiegħek u l-kliem tiegħek? U jekk quddiem il-wiċċ ta' Kristu għadek ma tistax tħallih ifejqek u jibdlek, allura idħol fil-ġewwieni tal-Mulej, idħol fil-pjagi tiegħu, għax hemm tgħammar il-ħniena divina." (*Gaudete et exsultate* 151).

**Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll**

Il-Messija jidħol fil-pellegrinaġġ tal-midinbin li jilqgħu s-sejħa għall-konverżjoni. Hu sar wieħed minna, il-veru Ħaruf tal-Għid li jieħu fuqu d-dnubiet tad-dinja (cfr *Ġw* 1:29; *Lhud* 4:15). Il-mod kif Lq jippreżenta l-magħmudija ta' Ġesù huwa sempliċi u mmeddjat. Il-Messija jidħol fl-ordinarjetà tal-ħajja tal-bnedmin u hemm idaħħal l-istraordinarju tal-grazzja. Bil-magħmudija tiegħu hu jħabbar il-mewt u l-qawmien tiegħu, għax «Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru fih ġustizzja ta' Alla» (*2Kor* 5:21). Hi timmarka wkoll il-passaġġ mill-ħajja ta' qabel, fejn kien jobdi l-ġenituri tiegħu (cfr *Lq* 2:51), għall-ħajja pubblika, fejn joqgħod f'dak li hu ta' Missieru u jagħti lilu nnifsu għas-salvazzjoni tal-bnedmin. Hija ħajja ta' *sottomissjoni* għar-rieda tal-Missier li twasslu biex *jissottomettu ruħu* għall-kundizzjoni tagħna l-bnedmin. Dan huwa l-atteġġjament tal-Qassis il-Kbir tagħna: "Biex isir il-Qassis il-Kbir Ġesù jiċċaħħad minn kull privileġġ u minflok ma jżomm lilu nnifsu 'l fuq mill-oħrajn isir jixbahhom f'kollox, jixbah lill-aħwa, u jaċċetta saħansitra li jitbaxxa sal-passjoni u l-mewt" (A. Vanhoye, *Accogliamo Cristo nostro Sommo Sacerdote,* Città del Vaticano 2008, 38).

**u waqt li kien qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu,**

*Lq* jinnota li dan kollu Ġesù jagħmlu fi djalogu mal-Missier, fit-*talb* li jesprimi l-fiduċja totali tal-Iben lejn Missieru u li jakkumpanja l-ħajja kollha ta' Ġesù (cfr *Lq* 23:46; KKK 2600). Is-smewwiet jinfetħu mhux tant biex wieħed jikkontempla l-viżjoni ta' Alla (cfr *Is* 6:1; *Eżek* 1:1) imma sabiex minnhom tinżel il-ġustizzja (cfr *Is* 45:8). Bl-inżul fl-ilmijiet tal-Ġordan, il-«Ġust» (*Atti* 7:52; 22:14), iħabbar l-inżul tiegħu f'Art l-imwiet biex joħroġ lill-bnedmin għall-ħajja ġdida. Hu l-Aktar Qawwi li jitqabad mal-Qawwi li jżomm lill-bniedem fil-jasar (cfr *Lq* 11:22). "Is-sagrament – il-Magħmudija – huwa għalhekk don ta' tisħib fit-taqbida tat-trasformazzjoni tad-dinja li wettaq Ġesù fl-isvolta tal-ħajja li seħħet bl-inżul u t-tlugħ mill-ġdid tiegħu" (Benedittu XVI/Joseph Ratzinger, *Gesù di Nazaret*, Città del Vaticano 2007, 41). L-għaqda mal-Missier fit-talb tippermetti li wieħed ikompli dik il-bidla li bdiet fih bil-magħmudija. "Ħalli l-grazzja tal-Magħmudija tiegħek tħalli l-frott tagħha f'mixja ta' qdusija. Agħmel li kollox f'ħajtek ikun miftuħ għal Alla u għalhekk agħżel lilu, agħżel dejjem mill-ġdid lil Alla" (*Gaudete et exsultate* 15).

**u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema.**

In-Nifs Ħallieq jinżel mill-ġdid fid-dinja għall-ħolqien ġdid tal-bniedem (cfr *2Kor* 5:17.19): "Kristu ma rċevihx [l-Ispirtu s-Santu] għalih innifsu, imma għalina, sabiex fih u mingħandu nirċievu kull ġid" (Ċirillu ta' Lixandra, *Comm. Luca* 3,21). Fit-Testment il-Qadim il-ħamiema tirrappreżenta lil Poplu ta' Iżrael meħlus minn kull jasar u theddid bil-qawwa tal-Mulej (cfr *Sal* 68:14; *Hos* 11:11). Bl-inżul tal-Ispirtu jitwaqqaf il-Poplu l-ġdid li huwa mġedded, mgħallem u mmexxi minnU hekk li lkoll nistgħu nistqarru: «Aħna ħolqien tiegħu [ta' Alla], maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.» (*Efes* 2:10).

**U mis-sema ġie leħen jgħid: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."»**

Il-leħen mis-sema huwa l-preżenza ta' Alla li jintervjeni fl-istorja: «Arawh! Se jsamma' leħnu, leħen qawwi...» (*S* 68:34; cfr *S* 29:3-9). Huwa leħen li hawn ma jitkellemx fuqu nnifsu imma

jagħti xhieda fuq l-Iben «l-għażiż». Quddiem il-manifestazzjoni tat-Trinità: "Il-Missier fil-leħen, l-Iben fil-bniedem, u l-Ispirtu fil-ħamiema" (S. Wistin, *In Io. Ev. tr.* 6,5), il-bniedem hu msejjaħ biex jogħdos fil-ħajja Tiegħu, u permezz tal-Iben jirċievi dak l-Ispirtu li jagħmlu iben adottiv li jgħajjat: "Abbà! Missier!" (cfr *Rum* 8:15).

**Għar-riflessjoni**

Din il-festa tal-immersjoni ta' Ġesù hija anke għalina memorja tal-immersjoni li hemm fil-bidu tal-ħajja Nisranija tagħna – il-Magħmudija tagħna – u, fl-istess waqt, memorja tal-leħen ta' Alla ndirizzat lil kull wieħed minna: "Int ibni!". Kull wieħed minna hu iben ta' Alla, kull wieħed minna hu post fejn hemm il-ferħ kbir ta' Alla jekk jibqa' f'mixja ta' konverżjoni, li jerġa' lura għandu; kull wieħed minna hu post li fih jinżel u jistrieħ l-Ispirtu s-Santu jekk jagħraf isejjaħlu u jħejji kollox sabiex jilqgħu. Hekk nistgħu nħossuna ulied Alla, li nistgħu ngħajtu: "Abbà, missier maħbub", ulied li kapaċi nieħdu n-nifs tal-Ispirtu s-Santu.

E. Bianchi, *Dare senso al tempo*, Qiqajon 2003.